MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2011

Numru. 1481/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**
**KONTRA**

**MANWEL CALLEJA**
**JASON CALLEJA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Manwel Calleja ta' 66 sena, bin Carmel u Giuseppa nee' Bigeni, mwieled B' Kara nhar it- 22 ta' Ottubru 1944, residenti gewwa l- fond Caca Casolani, Triq Sant' Andrija, Msida u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 889045M;

U

Jason Calleja ta' 36 sena, bin Manwel u Mary nee' Borg, mwieled Pieta' nhar it- 28 ta' Awwissu 1974, residenti Casa Casolani, Triq Sant' Andrija, Msida u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 401174M;

Li gew imressqa quddiemna sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar is- 27 ta' Mejju 2010, matul il- jum f' dawn il-Gzejjer u cioe' fi Triq Sant' Andrija, Msida, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l- hajja ta' haddiehor cioe' ta' Joseph Borg f' periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il- persuna tal- istess Joseph Borg, u dan skont kif iccertifikat minn Dr. Christian Camenzuli MD (Med Reg No 5222) u minn Dr. Kenneth Muscat MD (Med Reg No 3044) mill- isptar Mater Dei;

2) Kif ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghalkemm kienu pprovokati, ingurjaw b' mod li hargu barra mill- limiti tal- provokazzjoni;

3) Kif ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' nuccali tal- vista, liema hsara teccedi l- €116.47 izda ma tiskorrix €1,164.69 li sar ghad- detriment ta' Joseph Borg u/ jew ta' persuni ohra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fi stadju ta' provi difiza f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputati, missier u iben, huma girien ta' Joseph Borg, li hu l-vittma f'din il-kawza. Fid-data indikata, Borg kien gab "skip" hdejn id-dar tieghu biex jarmi xi materjal. F'hin minnhom gie aggredit mill-imputati, u dawn ikkawzawlu l-griehi li kien sofra hekk kif indikati fic-certifikati medici esebiti fl-atti. Presenti ghall-incident kien hemm ukoll ix-xufier tal-"iskip", il-mara ta' Borg, Maria Assunta, u binhom David. Jirrisulta wkoll lid an ma kienx l-ewwel incident bejn Calleja u Borg.

Bl-ammissjoni tal-imputati, il-Qorti qed issibhom hatja u tista' ghalhekk tghaddi ghas-sentenza fil-konfront taghhom. Jidher li fil-mori tal-kawza kien hemm tentattiv ta' ftehim bonarju bejn il-partijiet, u l-Qorti giet infurmata li l-familja Borg ma kellha ebda interess tara lill-imputati jinghataw piena ta' prigunerija. L-interess ewlieni taghhom kien li jinghataw xi forma ta' protezzjoni, sabiex incidenti ohra bhal dan ma jergghux jinqalghu. Ghalhekk, tenut kont ta' dawn is-sottomissjonijiet maghmula, il-Qorti ser taghti provvediment taht il-Kap 446 flimkien ma' Ordni ta' Protezzjoni favur il-familja Borg, bl-intiza cara li kull ksur eventwali ta' tali provvediment kien ser iwassal ghal piena ta' prigunerija effettiva u immedjata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 214, 216, 325, 339(1)(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil- kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tapplika l- Artikolu 412C tal- Kapitolu 9 ghal sentejn favur Joseph Borg u Maria Borg u l- ulied taghhom.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------